**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 11 ta` Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Nadia Mifsud**

**Kump numru 581/2021**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Nadia Mifsud,** detentrici ta' karta ta' l-identita' bin-numru **0350475M**, fejn giet akkuzata talli nhar is- 07 ta'

Settembru 2021 ghall-habta tal- 11:00PM ġewwa l-fond 95, Triq id-Duluri, Hamrun;

1. Bil-hsieb li tikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tas-sieheb taghha **Joseph Muscat**, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt permezz t'arma li taqta' u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w' indipendenti mill-volonta' taghha;

2. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' **Joseph Muscat** f'periklu car, volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq is-sieheb taghha l-istess **Joseph Muscat**, hekk kif iccertifikah Dr. Marcel Schembri (Med Reg 1460) mic-Centru tas-Sahha tal- Furjana;

3. Bl-imgieba taghha u permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta, ikkaġunat lis-sieheb taghha u ċioe' **Joseph Muscat** biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tieghu;

U iktar talli nhar is- 07 ta' Settembru 2021 gewwa l-Hamrun;

4. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokata ,inġurjat b'mod li ħarget barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

*5.* Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lis- sieheb taghha **Joseph Muscat**;

6. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paċi pubblika b’għajjat u storbju;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Nadia Mifsud** a benefiċju ta’ Joseph Muscat u l-familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f’każ ta’ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta’ Joseph Muscat jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Nadia Mifsud** b’obbligazzjoni taghha nnifisha taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali ta’ l-24 ta’ Frar 2022 (ara *folio* 78) u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju, kif moghti fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2022 (ara *folio 82*);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjoniet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, li lkoll flimkien jikkonfortaw l-ammissjoni taghha, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni maghmulha.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' sanzjoni din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni tal-imputata, anke jekk din ma saritx fi stadju bikri, u fuq kollox l-atteggjament ta` mhabba li wera Joseph Muscat (fil-mori ta` dawn il-proceduri) fil-konfront ta` Nadia Mifsud, fejn anke sahansitra ried li jivverbalizza (kif fil-fatt sehh) ix-xewqa tieghu li din il-Qorti turi klemenza ma` l-istess Nadia Mifsud. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, fost ohrajn, ser jigu riflessi fis-sanzjoni.

**Konkluzjoni**;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 533, 41(1)(a), 64(1)(2), 214, 215, 216(1)(a), 217, 221(1), 202(h)(v)(vi)(l), 222(1)(a), 202(h)(v)(vi)(l), 251B, 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(l), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata, fuq ammissjoni taghha stess, hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti, u minflok piena qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta**.**

Il-Qorti fissret lill-hatja l-konsegwenzi jekk hija tikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur